MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Numru 745/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)
Vs**

**EDGAR URPANI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Edgar Urpani, ta’ 41 sena, bin Ronald u Josephine nee’ Serra, imwieled Sliema fid-19 ta’ Lulju 1968, u li joqghod f’86/8, Tonna Street, Sliema jew f’4, Dragut Street, Sliema. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 292468M.

Billi gie akkuzat:

1. talli fil-perjodu ta’ bejn Ottubru 2006 u Awissu 2007, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37), liema soma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju, u dan ghad-detriment ta’ Messrs Emans Derivati Aromatici Srl, maghrufa bhala “Emans”, liema soma giet f’data jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Edgar Urpani, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Edgar Urpani

ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Edgar Urpani jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Edgar Urpani l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------